Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – Il-Ħamis, 25 ta' Lulju, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 17, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Laqgħa fil-MGOZ fuq is-siti tan-natura 2000 – kunsultazzjoni pubblika fejn il-kumpanija ADI Ltd. għamlu preżentazzjoni fuq l-*masterplan* għal dawn iż-żoni. Il-Kumpanija ADI Ltd. tixtieq li tagħmel laqgħa mal-Kunsill t'Għajnsielem biex issir diskussjoni fuq Kemuna.
   - Ittra fuq il-ġurnal Sunday Times, fejn ġie miktub li n-nar t'Għajnsielem se jinħatt fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku qal li s-SE bagħtet *email* lill-Kummissarju fejn spjegat l-iżvantaġġi jekk isir dan, iżda fl-*email* ma sar l-ebda oġġezzjoni biex jinħatt in-nar t'Għajnsielem. Wara din l-email sar

kommunikat mis-Supredentent t'Għawdex, fejn dan informa lis-SE li l-informazzjoni li dehret fuq it-Times kienet skorretta, u n-nar t'Għajnsielem se jkompli jinħatt minn Hondoq bħas-snin l-imgħoddija.

- Preżentazzjoni tal-awards tar-Redcoats fejn kienu preżenti s-Sindku, Larry u Stephen. Prezenti wkoll kien hemm is-Sindku ta' Tolfa, Luigi Landi.
- Kwotazzjoni għat-tisqija tas-*Soft Areas* fejn kienu preżenti għal-ftuħ tal-kwotazzjonijiet is-Sindku, Stephen u SE. L-irħas offerta kienet taċ-Ċallu Water Supplies u din it-tisqija bdiet fit-12 ta' Lulju.
- Sar ix-xogħol ta' manutenzjoni fit-Triq il-Fugass mill-kuntrattur Roger Xuereb.
- Saret il-laqgħa tar-Reġjun, fejn kien hemm ukoll rappreżentanti mid-Dipartiment tas-Saħħa li għamlu preżentazzjoni fuq is-siġar tal-Palm.
- Permess ta' *Mobile Kiosk* fix-Xatt tas-Sur Raymond Borg. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.
- Ittra mill-MEPA bi stedina lill-Kunsill għad-19 t'Awwissu fejn se tiġi diskussa l-applikazzjoni ta' *polishing plant* fiż-żona ta' Ras il-Ħobż.
- Korrispondenza mill-MEPA fejn infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Għajn tal-Ħasselin ġiet diferuta għaliex il-MEPA trid xi dokumenti oħrajn. Il-perit għandu jieħu ħsieb li irrispondi. Din ser tergħha diskussa fil-board fit-3/09/13.
- Sistema ta' ħruġ ta' Permessi mill-uffiċċju tal-Kunsill – offerta mill-kumpanija Lornit fejn ħadmet fuq sistema biex tiffaċilità l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali li jinsabu fl-avviż legali 119 tas-sena 2002. Il-Kunsill qabel li jieħu din l-offerta għal-sena, b'tiġdid tal-kuntratt kull sena.
- Pjazza tad-Dehra – materjal għal-banju tal-fontana. Is-sindku qal li huwa kellem lill-Emanuel Saliba fejn talbu parir fuq il-ġebla tal-qawwi u xi speċifikazzjonijiet hemm bżonn li jinħarġu. Il-Kunsill għoġbitu aktar il-ġebla l-bajda milli s-safra, iżda l-Kunsill qabel li jitlob parir mingħand il-perit.
- Applikazzjoni ta' Nature Trail f' Ta' Passi, fejn iridu *ecological survey* tal-Wied il-Kbir. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-perit biex jara l- istima ta' dan is-*survey*.

- Konsultazzjoni pubblika fuq ir-reviżjoni tal-Pjanijiet Lokali. Is-Sindku qal li uffiċjali mill-MEPA talbet għal-laqgħa mas-Sindku biex issir diskussjoni fuq iż-żona t'Għajnsielem. Is-Sindku semma r-*reservoir* tas-*sewage purification plant*, u *open storage* fiż-żona tal-Briegħen fejn il-Kunsill hu kontra li jkunu mniżla fil-*Local Plan*. Isir suġġeriment biex iż-żona Ta' Passi titniżżel *recreation/sports park* fil-pjanijiet lokali. Franco semma jekk jistax jitniżżel *Heritage Trail* mill-Qala sa Mgarr ix-Xini. Għandha titniżżel bħala bajja tajba għal-għum il-bajja ta' Ġardun u l-bajja wara l-moll taż-Żewwieqa.
- Talba għal-bozza fit-Triq Sant Eliju, li kienet ġiet approvata mill-Kunsill, kif ukoll mill-Enemalta. Iżda, l-enginiera ikkomunikat mas-Sindku li hemm problema f'din il-bozza, peress li hi ODZ. Għalhekk bagħtet stima kemm jiġi x-xogħol mill-Enemalta biex jingħata s-servizz lil din il-bozza. L-istima hi ta' €840. Is-Sindku se jitkellem mar-resident li talab din il-bozza biex jinfurmah f'dan, u jekk jixtieq li din issir, iħallas hu personali.
- T.M – approvazzjoni ta' *double yellow line* fit-Triq il-Ġnien
    - Approvazzjoni għal mera fit-Triq Dun Franġisk Mizzi kantuniera mat-Triq 26 ta' Jannar.
- Attivita' mtella mill-ĠUĠ fiż-Żewwieqa nhar it-28 ta' Settembru, fejn talbu *no objection* mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir din l-attività.
- Applikazzjoni tal-Farm t'Anġolina – is-Sindku infurma lill-preżenti li l-applikant reġa' ssotometta l-applikazzjoni, fejn issanzjoni kollox. Intgħalab ukoll mill-MEPA *method statement* f'każ ta' nar fit-tiben. Il-MEPA qed tenfazizza li jsir ġibjun taħt iż-żona.
- Invit mis-Sindku ta' Bethlehem fejn stiednu lill-Kunsill biex jipparteċipa fil-ġimgħa tal-Milied f'Bethlehem. Il-Kunsill qabel li jitlob għal aktar informazzjoni u jingħataw ideat ta' kif jista' jgħin il-Kunsill.

**4. Għoti t' Offerti**

Evalwazzjoni tat-Tenders:

- *Tender for the design, manufacture and installation of stainless steel or hot-dipped galvanised wrought iron stairs at Għajn tal-Hasselin, Għajnsielem.*

Il-rapport tal-perit jirrakomanda l-irħas offerta, din tas-Sur Edwin Ciantar.

- *Tender for the Resurfacing of Triq Għajnsielem and part of Triq Hamri with hot rolled asphalt.*

Fir-Rapport tiegħu, il-perit ma tax rakkomandazzjoni tal-offerti peress li l-ammont ta' flus huwa aktar min dak previst. Il-Kunsill qabel li dawn it-toroq ma jsirux għaliex il-Kunsill m'għandux *budget* għalihom jew forsi ssir triq waħda.

- *Tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Mechanical and Electrical services at the Għajn tal-Ħasselin in Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem.*

Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-Enġineer, li ta r-rakkomandazzjoni tiegħu fuq l-irħas offerta, dik ta' Rapa Showroom.

5. **Programm Għajnsielem Fest**

Is-Sindku qal li ħareġ avviż fil-lokalità biex min hu interessat jipparteċipa f'Għajnsielem Fest japplika fl-uffiċċju tal-Kunsill. Stephen qal li huwa kkuntatja lill George u Pawlu għal kwotazzjoni ta' *compare* li hi ta' €300. Il-Kunsill qabel li jkunu George u Pawlu *compare.* Stephen qal ukoll li l-kantant Gianluca Bezzina ma jistax jattendi dak inhar u minflokk ikkuntatja lill-Kurt Calleja u lill Deborah C. Cassar. Il-Kunsill iddecieda li jitqabbad il-Pro Stage għas-sistemma tas-*sound u* jinkrew id-dawl mingħand Joe Cutajar bħas-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill qabel li din is-sena jsir *in aid of* Eden Foundation

6. **Memo 17/2013 – Live-Streaming laqgħat tal-Kunsilli**

Il-Kunsill qabel li ssir l-applikazzjoni għal-fondi biex issir din is-sistema.

7. **Memo 18/2013 – Car fee day 2013**

Skema li se tgħażel 15-il Kunsill u jingħataw is-somma ta' €2,000 għal-din l-attività. Franco ssuġġerixxa li ssir l-attivita fil-Pjazza Madonna ta' Loreto u Pjazza tad-Dehra, fejn l-attrazzjoni tkun l-itwal ħabel tal-inxir marbut mal-arbli tal-festa u r-residenti jonxru l-ħwejjeg. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni u Franco u s-SE għandhom jaħdmu fuq l-applikazzjoni. Gie deċiz ukoll li dak in-nhar issir ukoll il-Kids Fair.

## 8. Kunsill taż-Żagħżagħ

Il-Kunsill qabel li dan il-Kunsill ikun iffurmat minn grupp ta' bejn is-16-25 sena.

## 9. Żjara f'Tolfa

Is-Sindku qal li b'dispjaċir li ma nstabux residenti minn Għajnsielem li wrew nteress li jitilgħu Tolfa. Għalhekk huwa avviċina lis-Surmast tal-iskola tal-Arti, fejn dan għaqqad il-kumplament tal-grupp. Il-ħlas ta' kull persuna għal-vjaġġ se jkun ta' €185, fejn il-Kunsill qabel li ma jintalbux il-flus li se nirċievu minn Tolfa (€1,500) u għalissa jħallashom il-Kunsill. X'ħin isir id-depositu fl-account, il-bilanċ jinqata'.

## 10. Skema għal-persuni b'Dizabilità

Is-S.E. informat lil-prezenti li l-ministeru responsabbli qed iħallas lill-Kunsilli u ivverifikat mall-Kunsill ta' Ta' Kerċem ukoll jekk hux qed jitħalsu. Il-Kunsill qabel li jiġi mqabbad fuq din l-iskema s-Sur Paul Saliba, li kien magħżul mill-Kunsill fil-laqgħat preċidenti.

## 11. Customare Care

- Skart domestiku u goff fil-Wied fil-Gudja – jeħlu t-tabelli
- Talba biex tiġi nstallata mera fit-Triq St. Antnin – approvata mera miż-żgħar.
- Talba biex tiġi nstallata mera fit-Triq Xprunara kantuniera ma Triq fuq l-Għajn – niklarifikaw il-post ezatt fejn hu u għal liema skop.
- Bollard fit-Triq Benghazi kantuniera ma Triq il-Ġnien - approvata

## 12. Materji oħra

Franco Ciangura

- Żvilupp fix-Xatt l-Aħmar – saret żjara mill-Ministru fil-post u qed isaqsi jekk hemmx xi żvilupp. Il-Kunsill ma jaf xejn b'dan.
- Rigali mill-Kunsill għaż-żjara f'Tolfa – il-Kunsill qabel li jinxtraw xi oġġetti zgħar.
- Haxix fit-Triq il-Qigħan.

- *Searchlights* tal-Knisja. Is-Sindku qal li kien diġà nforma lill-kuntrattur, Richard Cauchi, biex jirranġa dawn is-searchlights.
- Jintbagħtu ittri fid-djar biż-żoni ta' meta jsir il-knis.
- Fanal quddiem ir-residenza 39 Triq il-Għajn maħruqa.
- Ħajt fit-Triq Xprunara biex jinbena – il-Kunsill qabel li dak privat iżda qabel ukoll li jinqata' l-bużbies li hemm maż-żona.
- Biex isir ġibjun fil-Belvedere u jekk hu possibli toilets.

Stephen Mercieca

- Issir mera fi Triq Ċens l-Għarus kantuniera ma Triq ta' Cordina, faccata tat-Triq Ċens l-Għarus – approvata.
- Biex jittella ħajt fit-Triq Cordina fejn hemm ħofra – isir rapport lill-MEPA biex jitneħħa l-periklu.
- Isiru arbli mar-roundabout fit-Triq Mġarr – responsabilità tal-Ministeru għal-Għawdex.

Larry Buttigieg

- Passaġġ tal-injam fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar ġie tajjeb iżda fadal xi 4 metri x'isiru – il-Kunsill qabel li tinġab stima tax-xogħol li fadal.
- Wied Martin – ħaxix, trab u skart ta' konstruzzjoni – is-Sindku qal li dan inqata' din il-ġimgħa. It-Trab jinġabar mill-ħaddiema tal-ETC u rigward l-iskart ta' konstruzzjoni isir rapport lic-CMU biex jitneħħa.
- Wied ir-Rajjes – suġġeriment biex jitnaddaf il-wied u tinfetah il-grada fin-nizla li kienet ingħalqet.
- Xiri ta' bank għal Triq Malta – is-Sindku kkuntatja dak il-ħin lil-Tony Vella fejn qallu li ser jipprova jlestih sal-gimgħa d-dieħla.
- Fontana ta' Pjazzetta 10 ta' Diċembru - se jsir ix-xogħol fil-bidu t'Awwissu.
- Informazzjoni rigward it-tiġrija taż-żwiemel – is-SE infurmat illi l-Kunsill għadu mhux infurmat uffiċjalment b'dan, iżda kien hemm min semmiha fl-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li ssir it-tiġrija.

Peter Caruana

- Bankijiet fit-Triq Zewwieqa jingħataw żebgħa jew vernic – isir mill-ħaddiem il-ġdid.
- *Sleeping police* fit-Triq Hamri – ilmenti mir-residenti biex tinqala, iżda residenti quddiem l-*sleeping police* iriduha – il-Kunsill iddeċieda li din tibqa.
- Issir applikazzjoni għal *Keep clear* fit-Triq Hamri – il-Kunsill ma qabilx.
- Palm fil-belvedere biex jinżabru – is-SE se tieħu nota biex dawn jinżabru mal- kumplament tal-palm li hawn f' Għajnsielem.

Francis Cauchi

- Ġie avvicinat minn impjegat mad-Dipartiment tal-Agrikultura taħt il-Ministeru għal-Għawdex, is-Sur Philip Vella, fejn dan hu responsabbli mill-Lokalita' t'Għajnsielem. Huwa talab lis-Sindku biex isir ftehim mall-Ministeru biex ikun jista jiffirma fl-uffiċċju tal-Kunsill iżda jibqa' jaħdem mad-Dipartiment tal-Agrikultura. – Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa aktar meta tiġi t-talba bil-miktub u jkun fiha aktar dettalji.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Awwissu fis-3.00 pm is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-10.00pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |